



Stqarrija għall-Istampa Il-Lussemburgu, il-15 ta' Diċembru 2015

Jeħtieġ li l-partijiet "frammentati" tas-swieq tal-enerġija tal-UE jaħdmu flimkien, jgħidu l-Awdituri

L-UE għadha qed tiffaċċja sfida sinifikanti biex iġġiegħel lill-partijiet frammentati attwali tas-swieq tal-enerġija lokali, reġjonali u nazzjonali jaħdmu flimkien għall-iżvilupp tas-suq intern tal-enerġija, skont rapport ġdid mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. B'mod ġenerali, l-infrastruttura tal-enerġija fl-Ewropa għadha mhijiex imfassla għal swieq kompletament integrati, jgħidu l-Awdituri, u għalhekk attwalment ma tipprovdix sigurtà effettiva tal-provvista tal-enerġija. L-appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-UE fil-qasam tal-infrastruttura tal-enerġija kellu biss kontribut limitat għas-suq intern tal-enerġija u għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija.

Is-suq intern tal-enerġija għandu jippermetti l-fluss liberu u l-kummerċ tal-gass u l-elettriku madwar l-UE. Il-baġit tal-UE pprovda EUR 3.7 biljun ta' finanzjament għall-infrastruttura tal-enerġija bejn l-2007 u l-2013, b'EUR 7.4 biljun oħra mistennija bejn l-2014 u l-2020.

Iżda r-rapport jgħbed l-attenzjoni għall-fatt li l-oġġettiv tal-UE li s-suq intern tal-enerġija jiġi kkompletat sal-2014 ma ġiex issodisfat. Għad fadal ħafna xi jsir qabel ma t-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija jiġi implimentat bis-sħiħ. Minħabba li l-infrastruttura tal-enerġija fl-Ewropa mhijiex imfassla għal swieq integrati tal-enerġija, hija ma tipprovdix sigurtà effettiva tal-provvista, jgħidu l-awdituri, li eżaminaw studji tal-każijiet f'sitt Stati Membri - il-Bulgarija, l-Estonja, il-Litwanja, il-Polonja, Spanja u l-Iżvezja. Huma sabu differenzi sinifikanti fil-mod kif l-Istati Membri jorganizzaw is-swieq tal-enerġija tagħhom, differenzi li joħolqu r-riskj li s-suq tal-UE jinżamm lura fl-intier tiegħu, u huma kkonkludew li l-appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-UE kellu biss kontribut limitat.

"Is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija hija essenzjali għall-Ewropa f'dinja inċerta," qal Phil Wynn Owen, il-Membru tal-Qorti tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. "Biex niksbu din is-sigurtà, din, irridu nikkompletaw is-suq intern tal-enerġija, u nikkondividu l-enerġija li diġà għandna."

Flussi transkonfinali tal-enerġija jirrikjedu aktar kooperazzjoni bejn pajjiżi ġirien, jgħid ir-rapport. Għalhekk il-Kummissjoni Ewropea għandha tidentifika infrastruttura tal-enerġija fl-UE li mhijiex qed tintuża b'mod attiv, u taħdem mal-Istati Membri biex jitneħħew l-ostakli għall-użu tagħha għas-suq intern tal-enerġija. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tqis modi ġodda ta' kif l-enerġija fi Stat Membru wieħed tista' ssir disponibbli għal klijenti fi Stat Membru ieħor,

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali adottat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Ir-rapport sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 621 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal għall-Istampa T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu

@EUAuditorsECA

eca.europa.eu

pereżempju, permezz tal-iżvilupp ta' operaturi tal-infrastruttura reġjonali.

Minħabba lir-regolamenti tas-suq intern tal-enerġija għadhom ma ġewx implimentati bis-sħiħ, l-awdituri jirrakkomandaw li l-Kummissjoni għandha tibda kwalunkwe proċedura ta' ksur meħtieġa kontra l-Istati Membri sa tmiem l-2016.

Fl-aħħar nett, il-finanzjament attwali għall-infrastruttura tal-enerġija ma għandux is-suq intern tal-enerġija bħala objettiv primarju. Il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti leġiżlattivi dwar kif għandha tiegħu d-deċiżjonijiet tagħha biex tagħżel il-proġetti tal-infrastruttura tal-enerġija li għandhom jiġu ffinanzjati, suġġett għall-funzjonament xieraq u kontinwu tas-suq tal-enerġija fl-Istati Membri.

Noti lill-edituri:

Ir-Rapport Speċjali Nru 16/2015 "Titjib tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija permezz tal-iżvilupp tas-suq intern tal-enerġija: jinħtieġu sforzi akbar" huwa disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż (lingwi oħra jkunu disponibbli fi żmien qasir)

Ir-rapporti speċjali tagħna jagħtu r-risultati tal-awditi tal-prestazzjoni u tal-konformità tagħna ta' oqsma baġitarji jew suġġetti ta' ġestjoni speċifiċi. Aħna nagħżlu u nfasslu dawn il-kompiti tal-awditjar biex ikollhom impatt massimu billi nqisu r-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.